

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 785/2011**tal-5 ta' Awwissu 2011****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-erja massima garantita li għaliha jista' jingħata l-primjum għall-uċuħ tal-proteina**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 81(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 jistabbilixxi l-erja massima garantita li għaliha jista' jingħata l-primjum għall-uċuħ tal-proteina.

(2) L-Artikolu 81(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 jipprovdi li fejn, skont l-Artikolu 67, Stat Membru jiddeċiedi li jintegra l-primjum għall-uċuħ tal-proteina fi skema ta' pagament uniku, il-Kummissjoni, għandha tnaqqas l-erja massima garantita msemmija fl-Artikolu 81(1) bi proporzjon mal-erja li tikkorrispondi mal-ammont ta' uċuħ tal-proteina attribwit għal dak l-Istat Membru fl-Anness XII.

(3) Id-Danimarka, il-Greċja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit, għajr l-Ingilterra, ddeċidew li jintegraw il-primjum għall-uċuħ tal-proteina fl-iskema ta' pagament uniku.

(4) L-Artikolu 81(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 81(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Erja massima garantita ta' 1 505 056 ettaru li għaliha jista' jingħata l-primjum għall-uċuħ tal-proteina hija b'dan stabbilita."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.